IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 17

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa b'mod virtwali (online) permezz ta' Skype minħabba l-imxija tal-COVID-19, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) it-Tnejn 30 ta' Marzu 2020.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier

**SKUŻAT B'APOLOĠIJA:**

Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li s-Sur Jason Portelli talab biex jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol marbuta mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru fl-okkażjoni tal-Festa ta' Jum il-Ħelsien.

**NOTA FUQ IL-MINUTI TA' LAQGĦA 15 U 16**

Is-Sindku ppreżenta l-Minuti tal-Laqgħa 15(08) mibgħuta mis-Sinjura Emma Vella, ex-Deputat Segretarju Eżekuttiv fejn kien hemm biss **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**. Dawn ġew approvati.

Laqgħa tal-Kunsill Numru 16 ma kinetx saret minħabba l-fatt li s-Sindku, is-Sur John Boxall, kien rikoverat l-isptar. Barra minn hekk, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ma setgħetx tattendi minħabba li dakinhar stess kellha tieħu lill-ommha l-isptar b'emerġenza u għalhekk il-laqgħa ma setgħex la ssir u lanqas posposta għal ġurnata oħra. Minuti tal-Laqgħa 16(08) m'hemmx għal dawn ir-raġunijiet.

**17.1 Ħatra ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv approvat mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.**

Is-Sindku, Viċi-Sindku u kunsilliera preżenti, approvaw unanimament il-ħatra ta' Christian Lawrence Raggio Vella bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv approvat mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali permezz ta' ittra uffiċjali u avviż fuq il-gazzetta tal-Gvern. Il-ħatra daħlet fis-seħħ b'mod immedjat nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2020.

**17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta`pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, BOV 5297 sa BOV 5361. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda ta' Pagamenti datata 5 ta` Frar2020 sas-26 ta` Marzu 2020.

**17.3 Talba għad-devoluzzjoni tal-art ta' fejn kien l-Oil Tanking Facility fiż-żona ta' Sally Port (it-Toqba tal-Birgu)**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall ressaq il-proposta sabiex issir talba għad-devoluzzjoni tal-art ta' fejn kien l-Oil Tanking Facility fiż-żona ta' Sally Port (it-Toqba tal-Birgu). Is-Sindku qal li jekk din iż-żona, li llum tinsab mitluqa u f'abbandun, tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali tal-Birgu, din tkun tistà tiġi żviluppata u tkun ta' introjtu (dħul) għall-istess kunsill. Il-proposta ġiet sekondata mis-Sur Trevor Mizzi u approvata unanimament.

**17.4 Sejħa ta' impjieg Skrivan/a full-time mal-Kunsill Lokali tal-Birgu**

Is-Sindku ressaq il-proposta sabiex jingħata permess lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex tinħareġ sejħa għal impjieġ ta' skrivan/a full-time mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**17.6 Korrispondenza**

17.5.1 Preżentata korrispondenza; Ċirkulari 23/2019 Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kunsilli Lokali 2020; dwar l-allokazzjoni tal-fondi lill-kunsilli lokali. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ġie mogħti b'kollox allokazzjoni ta' €372,536 li tkopri s-sena 2020.

17.5.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Noel Zammit, CEO ta' Heritage Malta dwar l-iscaffolding li ser jintrama fi Triq il-Papa Alessandru VII sabiex isir ir-restawr tal-faċċata ta' wara tal-Palazz tal-Inkwiżitur. Is-Sindku u l-kunsilliera preżenti qablu unanimament li ma tintalab l-ebda obligazzjoni ta' ħlas lil Heritage Malta għal dan l-iscaffolding. Is-Sindku nforma wkoll li ser jinbeda x-xogħol fuq il-parti ta' wara tal-Mużew Marittimu fi Triq San Lawrenz, faċċata tan-niżla ta' Triq Nestu Laiviera. Is-Sindku u l-Kunsilliera preżenti approvaw dawn ix-xogħlijiet u qablu li għandhom jitħallsu l-obligazzjonijiet finanzjarji mill-kuntrattur skont il-liġi għal meta jintrama t-tower crane b'relazzjoni ma' dawn ix-xogħlijiet fil-Mużew Marittimu.

17.5.3 Preżentata korrispondenza dwar il-ġibjun tal-Pjazza tal-Birgu. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera preżenti li saret tappiera akbar u aħjar sabiex persuna tkun tista' tgħaddi faċilment meta jkun hem bżonn. Il-ġibjun tal-Pjazza tal-Birgu fih madwar mija u erbgħin elf metru kubu ta' ilma.

17.5.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar lill-Kumitat tat-Tismija ta' Toroq dwar l-isem tat-triq tat-Toqba tal-Birgu (tibda

mill-Klabb tar-Regatta tal-Birgu u tispiċċa k/m dik li hi magħrufa bħala x-Xewkija tal-Kalkara. Is-Sindku ppropona li l-isem għal din it-triq ikun **Triq il-Piccolo Soccorso 1565.** Wara spjegazzjoni tal-isem mis-Sindku filwaqt li segwiet diskussjoni u diversi suġġerimenti, il-kunsilliera preżenti qablu unanimament dwar dan l-isem.

17.5.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Stanley Spiteri bil-proposta sabiex il-parti t'isfel ta' Triq il-Kwartier li tibda k/m Triq Hilda Tabone u tispiċċa k/m Triq Paċifiku Scicluna tingħata l-isem ta' **Triq il-Kardinal Prospero Grech.** Is-Sindku u l-kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.

17.5.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Ġemellaġġ bejn il-Birgu u Parisot fi Franza, liema ġemellaġġ ġie approvat u jonqos biss il-firma tal-Ministru.

17.5.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz Għawdex fejn ġie approvat min-naħa tal-kunsill, il-proposta li saret mill-Kunsill Lokali tal-Birgu, sabiex isir Memorandum of Understanding bejn il-Birgu u San Lawrenz, fl-okkażjoni tal-200 sena Kolleġġjata tal-Parroċċa ta' San Lawrenz il-Birgu. B'dan irid jiġi infurmat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

17.5.8 Preżentata korrispondenza; LC CLA 13 EU-COASTLINE Proposal; dwar proġett u studju dwar "flooding" f'diversi ibliet minn pajjiżi fl-Ewropa. Il-Birgu hija l-unika belt minn Malta li ser tkun sħab f'dan l-istudju li għalih hemm allokati s-somma ta' €10M (għaxar miljuni). Is-Sindku, is-Sur John Boxall ippropona li għal dan l-istudju, għandu jiġi nkarigat is-Sur Anthony Abela sabiex jiggwida lill-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar dan il-proġett. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament fuq din il-proposta.

17.5.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni ALDA rigward l-għajnuna minn għadd ta' kunsill lokali madwar l-Ewropa waqt l-epidemija tal-COVID-19.

17.5.10 Preżentata korrispondenza dwar proġett tal-ERASMUS+; ERASMUS SPORT – INCLUSION OF YOUTHS fi ħdan il-proġetti tal-Unjoni Ewropea, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu ġie mitlub biex jibghat id-dettalji meħtieġa jekk jixtieq juri interess li jieħu sehem f'dan il-proġett. Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-kunsilliera preżenti li din il-korrispondenza min-naħa tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ġiet mibgħuta.

17.5.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjażżjoni ALDA dwar il-proġett Partnership for Sustainable Cities 2020 sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jibgħat l-informazzjoni meħtieġa sabiex juri interess u jissieħeb f'dan il-proġett. Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-kunsilliera preżenti li din il-korrispondenza min-naħa tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ġiet mibgħuta.

17.5.12 Preżentata korrispondenza dwar proġett tal-ERASMUS+ KA2 - STRATEGIC PARTNERSHIP IN THE FIELD OF SCHOOL CHILDREN, sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jibgħat l-informazzjoni meħtieġa sabiex juri interess u jissieħeb f'dan il-proġett. Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-kunsilliera preżenti li din il-korrispondenza min-naħa tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ġiet mibgħuta wara approvazzjoni mill-iskola Primarja tal-Birgu li wriet interess li tipparteċipa f'dan il-proġett.

17.5.13 Preżentata korrispondenza dwar il-permess tal-imwejjed u s-siġġiet quddiem iċ-Ċentru tal-Partit Laburista tal-Birgu u dwar l-emenda li saret. Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-kunsilliera preżenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ġie infurmat dwar il-permess u ankè l-emenda li saret, wara li dawn ingħataw minn Transport Malta mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

17.5.14 Preżentati żewġ kwotazzjonijiet sabiex isiru mapep tal-Birgu li jingħalqu f'pocket żgħir. Is-Sindku qal li bl-għajnuna tas-Sur George Agius ġab dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet għall-ammont ta' ħamest elef *pocket map;* Dormax Press Co Ltd €1775.00 + VAT u Best Print Ltd €2000 + VAT. Is-Sindku ppropona li dawn jistgħu jitħallsu mill-flus li ġew frankati tal-paga tas-Segretarju Eżekuttiv fl-ewwel tlett xhur tas-sena 2020 u minn xi reklami li jistgħu jiġu printjati fuq wara tal-mappa. Is-Sindku u l-kunsilliera preżenti qablu li tintgħażel l-irħas offerta. Is-Sur Trevor Mizzi qal li wasal iż-żmien li ninvestu f'application elettronika tal-mappa tal-Birgu. Għaldaqstant, is-Sindku propona li s-Sur Trevor Mizzi jġib il-kwotazzjonijiet relatati.

17.5.15 Preżentati tlett quotations għal-sistemi ta' CCTV cameras għall-Fortini u Triq l-Antika. Dawn għandhom jiġu evalwati u diskussi fl-laqgħa oħra tal-kunsill lokali. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel għandu jevalwa dan ix-xogħol man-nies kompetenti.

17.5.16 Preżentata korrispondenza li ntbagħtet mill-Kunsill Lokali tal-Birgu lill-Valley Managment Unit fi ħdan Ambjent Malta fejn ġiet sottomessa applikazzjoni sabiex isir tindif ta' parti mill-Wied tal-Glaziz li jmiss ma Triq San

Dwardu u li huwa l-unika wied li jinsab fil-konfini tal-Birgu. Għal din l-applikazzjoni għadha ma waslet l-ebda risposta.

17.5.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Alessandro Magistro, President tal-Kunsill Reġjonali Sqalli sabiex jiffissa laqgħa f'April 2020, meta hu se jkun f'Malta sabiex jiddiskuti proġett mal-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar ir-realtajiet fis-soċjetà. Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, id-data għal din il-laqgħa ma tistax tiġi mħabbra għalissa.

17.5.18 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex issir laqgħa mal- Onor. Ministru Hose Herrera rigward għajnuna finanzjarja sabiex jitkompla r-restawr fil-Berġa ta' Franza. Il-laqgħa saret nhar it-Tlieta 10 ta' Marzu 2020, preżenti s-Sindku u s-Sur Trevor Mizzi. F'din il-laqgħa ntalbet is-somma ta' wieħed u għoxrin elf Ewro (€21,000). Din it-talba għadha ma ġietx konfermata u għalhekk is-Sur Trevor Mizzi għandu jkompli jsegwi din il-korrispondenza sabiex jiġu akkwistati dawn il-fondi.

17.5.19 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex issir laqgħa mal-Onor. Ministru għat-Turiżmu Julia Farrugia Portelli rigward l-attività tal-Birgufest 2020. Il-laqgħa hija mniżżla għat-30 ta' April 2020, iżda kollox jiddependi fuq is-sitwazzjoni tal-pajjiż. Fuq din is-Sindku qal li minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-COVID-19, ma jafx x'se jiġri. L-istess kienu tal-fehma l-kunsilliera preżenti li lkoll urew il-ħsibijiet tagħhom fuq din l-attività. B'relazzjoni mal-Birgufest, is-Sur Christopher Cassar qal li sabiex ma jintilfux il-flus tal-MTA (Malta Tourisim Authority) issir attività tipo ta' Silent Birgu by Candlelight fejn ir-residenti jixgħelu żewġ xemgħat quddiem id-djar tagħhom u din tkun mezz ta' ringrazzjament lid-Dipartiment tas-Saħħa għax-xogħol li qed isir waqt l-imxija tal-COVID-19. Din l-attività ma tkunx għall-pubbliku iżda tkun miġbuda b'filmati mill-ajru u mit-toroq tal-Birgu. Dan is-suġġeriment ġie approvat mill-kunsilliera preżenti.

17.5.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Perit Amanda Degiovanni mir-Restoration Directorate fejn qed tinforma lill-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar tender żgħir li se jinħareġ sabiex jiġi restawrat il-biċċa tas-sur li hemm fil-bandli tal-Birgu li jmiss mal-ħanut ta' Cafè Riche. La darba jitlesta dan ix-xogħol, jitkompla x-xogħol fuq il-bandli. Is-Sur Trevor Mizzi qal li għal dawn il-bandli kellu jasal iċ-ċekk tal-ewwel pagament mill-Planning Authority li jammonta għal erbgħa u tletin elf Ewro (€34,000). L-apparat tal-bandli wasal u hemm kollox il-garaxx tal-kunsill.

17.5.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata t' San Lawrenz bħala ringrazzjament lill-Kunsill Lokali tal-Birgu fl-attivitajiet li saru nhar it-2 ta' Frar 2020 fil-ftuħ tal-200 Sena Kolleġġjata.

17.5.22 Preżentati għadd ta korrispondezi mibgħuta minn għaqdiet volontarji tal-festi rispettivi tal-Birgu dwar attivitajiet li kienu se jsiru fil-miftuħ u l-kunsill kien approva l-permess tagħhom, li iżda issa dawn tħassru minħabba l-imxija tal-COVID-19.

17.5.23 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christopher Cassar dwar punti li ħarġu mil-laqgħa tar-Reġjun tax-Xlokk li huma ta' interess għal-lokalità tagħna fosthom sessjoni ta' taħriġ b'xejn ta' darba f'Casal Paola għal tlett (3) anzjani li jbatu mid-dimensja, mil-lokalità tal-Birgu.

17.5.24 Preżentata petizzjoni mir-residenti dwar parti minn Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur dwar is-sitwazzjoni preżenti tat-triq. Din qed tkun pjanata li ssir lejn l-aħħar tas-sena 2020 jew bidu tas-sena 2021 flimkien ma diversi toroq żgħar oħra madwar il-Birgu.

17.5.25 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar il-live streaming tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali tal-Birgu minħabba l-kwalità tal-istampa u s-sound sabiex jekk hemm xi ħsarat tekniċi jiġu rranġati.

17.5.26 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Silvio Parnis dwar it-Tieni Edizzjoni tal-laqgħa tas-Sindki fil-Parlament li għaliha kien attenda s-Sindku, is-Sur John Boxall.

17.5.27 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Prim Ministru ta' Malta Dr.Robert Abela, sabiex jirringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-Birgu tal-awgurju fil-ħatra tiegħu bħala Prim Ministru ta' Malta.

17.5.28 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Hilary Spiteri sabiex issir laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar idea ta' attività li tfakkar l-iskultur Joseph Mary Genuis. Din il-laqgħa għalissa ma tistax issir minħabba l-imxija tal-COVID-19 iżda l-kunsill lest li juri interess għal din l-attività.

17.5.29 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Tyrone Ellul dwar problema ta' parkeġġ fi Triq Nofsinhar, fil-ġenb tal-Palazz tal-Inkwiżitur. Is-Sindku ressaq il-proposta sabiex dan il-parkeġġ jitneħħa għal kollox minħabba l-valur storiku tal-Palazz tal-Inkwiżitur. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.

17.5.30 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Birgu lis-Sur Gino Cauchi, CEO tal-Grand Harbour Regeneration Corporation dwar meta se jinbeda x-xogħol tat-triq ta' Sally Port, it-Toqba tal-Birgu, li tant ilu mistenni mir-residenti tal-Birgu. Is-Sindku qal li f'risposta mis-Sur Gino Cauchi, il-proġett ta' Sally Port se jibda l-ewwel min-naħa ta' taħt l-Esplora fil-Kalkara u jispiċċa l-proġett bin-naħa tal-Birgu. Għal din, is-Sindku irrisponda u flimkien mal-kunsilliera, ser jibqgħu jinsistu li l-proġett jibda mill-Birgu, kif qal l-Onor. Ministru Ian Borg waqt vista fuq il-post fiż-żona magħrufa bħala t-Toqba tal-Birgu biex jara hu stess il-ħsarat li ġġarbet it-triq wara l-Grigalata ta' Frar 2019. Is-Sindku talab lis-Sur Trevor Mizzi biex tissejjaħ laqgħa mal-Onor. Ministru Ian Borg dwar dan il-proġett.

17.5.31 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Uffiċċju tas-Segretarjat Permanenti sabiex jiġi nominat membru mill-Kunsill Lokali tal-Birgu biex jirrappreżenta lill-kunsill fil-Fondazzjoni Kottonera. Għal din in-nomina kien ġie magħżul is-Sindku, is-Sur John Boxall u approvat mill-Onor. Ministru Owen Bonnici. Is-Sur Anton Gellel ġie nominat mis-Sindku u sekondat mis-Sur Christopher Cassar biex meta s-Sindku ma jkunx jista' jattendi, ikun preżenti huwa bħala rappreżentant tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

17.5.32 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Fondazione Federico Secondo ta' Palermo sabiex tinforma lill-Kunsill li l-Kungress tal-Għid il-Kbir li kellu jsir f'Palermo tħassar u se jsir aktar 'il quddiem.

17.5.33 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Rosemarie Debattista, koordinatur tal-korsijiet tal-Lifelong Learning. Apparti l-applikazzjoni sabiex il-kunsill ikun jista' joffri dawn il-korsijiet, qed jiġi mitlub dettalji ta' persuna min-naħa tal-kunsill sabiex ikun il-punt ta' referenza bejn il-kunsill u d-DRLLE filwaqt li jkun assenjat diversi affarijiet li jrid jieħu ħsieb waqt li jkunu offruti dawn il-korsijiet. Il-persuna magħżula, titħallas mill-kunsill bil-fondi allokati lill-kunislli lokali mid-direttorat.

17.5.34 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Azzopardi f'isem l-iSmall Grant Scheme Operator (SGSO), sabiex jikkonferma li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu għan-Norway Grants biex jiġi nsallat il-lift għall-anzjani fil-Berġa tal-Ingilterra, ġiet sottomessa.

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta' filgħaxija (8:00pm) u ġiet aġġornata sabiex issir kontinwazzjoni tagħha nhar l-Erbgħa 1 ta' April fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

Konfermati illum: **13 ta' April 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |